MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

## (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Numru 20/2009

Il-**Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Charles Farrugia ta' 39 sena bin Joseph u Mary nee' Cappello, imwieled Pieta' nhar it-12 ta' Novembru 1974, residenti fil-fond numru 26, Triq il-Wied, Paola u detentur tal-karta ta'l-identita' 561074(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Charles Farrugia li gie akkuzat talli fis-27 ta' Gunju 2008 gewwa Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex ghal habta ta' bejn l-ghaxra u kwart u il-hdax nieqes kwart ta' fil-ghodu (1015hrs -1045hrs),

1. saq vettura tal-marka Bedford, tip TL, bin-numru ta' registrazzjoni DBD309 b'manjiera perikoluza u traskurata u naqas milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku u
2. talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi involontarjament ikkaguna hsara l-istess vettura registrata f'isem il-kumpanija Crampac Limited liema hsara hija ta' aktar minn €116.47
3. ukoll talli fl-istess hin, data, lok  cirkostanzi involontarjament ikkagua griehi ta' natura hafifa fuq Emanuel Portelli (ID 34789G).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi fil-jum tal-Gimgha s-27 ta' Gunju 2008 ghal habta tal-10:30 ta' fil-ghodu sehh incident stradali gewwa Triq ir-Ramla, in-Nadur fejn kien involut trukk tal-minerali. Dana it-trukk kien misjuq mill-imputat u rikeb mieghu kien hemm il-kollega tieghu certu Emanuel Portelli. Illi t-triq fejn sehh dana is-sinistru stradali hija triq dritta ghan-nizla li taghti ghal bajja tar-Ramla il-Hamra gewwa Ghawdex u tinsab ezatt quddiem wied maghruf bhala Wied il-Qasab. Illi l-uniku zewg xhieda ghal dana l-incident kienu appuntu l-imputat u Portelli. Provi cirkostanzjali fit-triq ma tantx kien hemm billi ma kienx hemm evidenza li tista' taghti indikazzjoni tar-raguni 'il ghala sehh dana l-incident. L-imputat isostni illi huwa kien niezel in-nizla ghar-Ramla isuq dana it-trukk mghobbi tghabbija kbira ta' minerali sabiex jidhol fit-triq li

tiehu lejn il-bajja billi kellu iqassam il-prodotti tax-xorb li kien qed igorr. Ighid illi f'daqqa wahda ipprova japplika il-brejk, billi kien qed isuq fin-nizla, izda il-brejk ma bediex jiffunzjona. It-trukk beda jirranka fil-velocita, izda l-imputat ighid illi bl-ebda mod ma seta' jikkontrollah tant illi baqa' niezel, qasam it-triq u spicca tajjar il-hajt baxx li kien hemm faccata tan-nizla u li jifred it-triq mill-wied, u waqa' fl-istess wied gholi ta' madwar tlett metri fejn spicca jaqsam l-istess wied ghal gol-pal tal-bajtar u baqa' diehel fil-hajt tas-sejjieh. Mal-impatt it-trukk garrab hsarat konsideveroli tant illi gie iddikjarat '*beyond economical repair*' u l-imputat u Portelli gew imtajjra mit-trukk u fortunatament sofrew biss griehi ta' natura hafifa. Il-wied spicca mizghud bil-fliexken tax-xorb u bil-prodotti kollha li kien hemm fit-trukk tant illi is-socjeta parti leza tiddikjara li ma irnexxielha isalva xejn minn dina l-merkanzija.

Illi in sewgitu ghal dana is-sinistru stradali infethet inkjesta magisterjali fejn gew nominati diversi esperti, fosthom l-espert mekkaniku Joseph Zammit u l-espert legali Dr. Jean Paul Grech. Billi l-imputat jallega illi dana is-sinistru stradali sehh meta l-*braking system* tat-trukk ma baqghetx tiffunzjona, l-espert Joseph Zammit ezamina it-trukk b'mod specjali minn dana l-aspett, ghalkemm huwa ma setax isuq it-trukk billi kif diga inghad dana kellu hsarat kbar u ma setax jinsaq. L-espert ighid hekk fir-relazzjoni tieghu:

"Mill-provi li l-esponent sab minn ezamijiet bir-reqqa li huwa ghamel fuq dan it-trukk l-aktar fuq dawk li huma sistema tal-brakes u tal-isteering l-esponent sab li s-sistema tal-isteering ghalkemm bi hsarat estensivi fuq quddiem, din is-sistema kienet ghadha tinstab tiffunzjona u ma kienet maqtugha mill-ebda irbit taghha. A rigward is-sistema tal-brakes, li dan it-trukk huwa mghammar biha, dik maghrufa bhala air brakes, din is-sistema meta l-esponent ezaminaha wara li l-vettura ittellghet taht id-direzzjoni tal-esponent, din is-sistema instabet bil-hazna tal-arja ghadha mimlija u dan peress li fuqha ma kienu jinsabu l-ebda leakages anke wara l-incident. Illi peress li l-esponent ma setax jaghmel it-testijiet ta'sewqan fit-triq, imma fil-fehma tal-esponent ma kien hemm l-ebda hsarat fuq is-sistema tal-brakes tant li anke l-pedala tal-brakes kienet ghadha tinstab tiffunzjona u bil-pressjoni massima fuqha, ghalhekk fil-

fehma tal-esponent fis-sistema tal-brakes ma instabet l-ebda hsara u fil-fehma tal-esponent jeskludi li dan l-incident u t-telf tal-kontroll tat-trukk li kawza tieghu sehh l-incident dan ma sarx kagun ta' xi hsara teknika li garrbet is-sistema tal-brakes jew dik tal-isteering, u lanqas dawk tat-tyres li dawn jirrizulta li t-ticrit tat-tyres ta' quddiem gew ikkagjonati bl-istess habta mal-hajt u bl-istess waqa' u hbit fuq quddiem gol-istess wied."

Illi ghalhekk l-espert jikkonkludi:

"Illi ghalhekk l-esponent qieghed jeskludi li t-telf tal-kontroll gie ikkagunat minhabba xi hsara teknika li l-vettura garrbet qabel ma sehh l-incident.[1]"

Illi dana madanakollu jikkontrasta ma' dak li jallega l-imputat. L-imputat isostni kemm fix-xhieda moghtija minnu quddiem l-espert Dr. Jean Paul Grech, kif ukoll quddiem il-Qorti, illi meta huwa beda niezel in-nizla, induna illi s-sistema tal-brakes ma bdietx tiffunzjona tant illi billi kien ghan-nizla it-trukk beda jakkumula fil-velocita. Portelli jikkorrobora dak li ighid l-imputat. Huwa isostni hekk:

"Hin minnhom indunajt illi t-trukk kien qiesu beda jirranka u l-imputat beda ighidli l-kliem'bla brejkijiet', bla brejkijiet'. Iktar ma beda ighaddi il-hin it-trukk beda iktar jirranka. L-imputat ma setax izommu u bqajna nezlin ghal-gol-wied. ... Ghandi nghid illi ma konniex nezlin b'xi velocita qawwija u it-trukk kien mghobbi madwar xi erba' paletti. Nghid illi jiena bdejt nara illi s-sewwieq beda jipprova jaghti gearijiet iktar baxxi u anke beda jipprova anke jzomm il-brejk izda kollu kien ta' xejn u it-trukk kompla jirranka.[2]"

Illi fuq il-post ta'l-incident ma instabu l-ebda sinjali bhal *brake marks* jew *skid marks*. Dana ikkonstatawh l-esperti kollha nominati fl-inkjesta kif ukoll il-PS 664 li hejja r-rapport dwar dana l-incident stradali. Illi l-espert Dr. Jean Paul Grech ighid hekk fir-relazzjoni tieghu:

[1] Ara rapport ta'l-espert Joseph Zammit a fol.46 et seq. tal-process
[2] Ara xhieda ta' Emanuel Portelli a fol.20 u 21

"Mill-kostatazzjonijiet maghmula mill-esponenti ma hemmx indikazzjonijiet li jistghu jissuggerixxu li fil-hin ta'l-incident Farrugia kien qieghed isuq b'mod trsakurat jew negligenti jew li kien hemm xi sewqan eccessiv. Ma tezisti l-ebda kontradizzjoni fix-xhieda ta' Farrugia u Portelli: il-verzjonijiet li huma taw lill-pulizija mumenti biss wara li sehh l-incidnet kif wkoll dik moghtija minnhom quddiem l-esponenti jikkombacjaw ma' xulxin perfettament. It-tnejn li huma jispjegaw li waqt li kienu nezlin min-Nadur lejn il-bajja tar-Ramla u waslu fl-ahhar parti tat-triq, il-brejkijiet tat-trukk ma hadmux iktar bil-konsegwenza li Farrugia kien fl-impossibilita li jikkontrolla it-trukk. ... M'hemmx dubbju li t-tghabbija sostanzjali tat-trakk flimkien mal-fatt li l-ahhar parti tat-triq fejn sehh l-incident kienet ghan-nizla kienu fatturi li ikkontribwew biex it-trakk zied fil-velocita bil-konsgwenza li l-impatt li sehh kien wiehed qawwi."

Ikompli ighid:

"Sa certu punt il-verzjoni li marru il-brejkijiet tat-trakk hija konfermata minn punt fatwali: kemm l-esponenti kif ukoll il-pulizija ma irriskontraw l-ebda brake marks jew skid marks. L-esponenti hu tal-fehma li kieku verament il-brejkijiet kienu qeghdin jahdmu zgur li kien ikun hemm xi marki ta' brakes fuq it-tarmac. Hija reazzjoni prattikament naturali li wiehed ighafas il-brake u jipprova jikkontrolla mill-gdid il-vettura li huwa jkun qieghed isuq meta huwa jitlef il-kontroll taghha.[3]"

Illi abbazi ta' dak konstatat mill-esperti fl-inkjesta l-Magistrat Inkwirenti jikkonkludi illi kienu jezistu bizzejjed provi *prima facie* sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfornt ta'l-imputat u dana billi:

"Hu maghruf li kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Jekk jitlef dana il-kontroll ghandu l-obbligu li jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk. Spjegazzoni li trid tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilita'. L-ispjegazzjoni li offra Charles Farrugia mhi konvincenti xejn meqjus li rrizulta li l-brakes ma kenux difettuzi[4]."

---

[3] Ara rapport a fols.87 et. seq. tal-process
[4] Fol.34 u 35 tal-process

Illi d-dmir tal-Magistrat Inkwirenti huwa biss sabiex jistabilixxi jekk mill-atti tal-proces verbal jesistux bizzejjed provi *prima facie* sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra xi individwu. Illi madanakollu fil-kamp penali huwa ben risaput illi l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u li l-imputat ghandu id-dritt ghas-silenzju u ma jenhtieglu jipprova xejn. Ma hux tenut jaghti spjegazzjoni sabiex jiggustifika l-azzjonijiet tieghu. Hawnhekk ma tezistix ir-regola ta'l-inverzjoni tal-provi kif donnu qed jissuggerixxi l-Magistrat Inkwirenti. Illi l-espert nominat mill-Qorti jistabilixxi illi t-trukk ma kellu ebda hsara mekkanika li fil-fehma tieghu setghet kienet il-kawza próssima ta' dana is-sinistru stradali u jieqaf hemm. Ma hemm l-ebda prova ohra la diretta u lanqas indizzjarja li tista' tistabbilixxi minghajr l-icken dubbju illi dak li wassal ghall-kollizzjoni kienet in-negligenza, non-kuranza u s-sewqan perikoluz da parti ta'l-imputat. L-unika prova certa hija illi l-imputat kien qieghed isuq trukk mghobbi tghabija tax-xorb f'nizla meta ghal xi raguni tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' niezel fil-wied li kien hemm fil-faccata. L-imputat ighid illi dana sehh minhabba illi ghal xi raguni il-brejkijiet tat-trukk ma kenux qed jiffunzjonaw. Illi anke jekk ghal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha tiskarta ix-xhieda tieghu u ta' Portelli bhala wahda inverosmili, xorta wahda hija rinfaccjata b'nuqqas ta' spjegazzjoni jew raguni li wasslet ghal dana is-sinistru stradali. Illi l-Qorti tista' tasal biss ghal presunzjonijiet u kongetturi, izda qatt ghal certezza billi ma hemmx provi fl-atti li jindikaw dak li verament sehh. Illi l-espert Joseph Zammit stess ighid illi huwa jista jasal biex jeskludi li t-telf tal-kontroll gie ikkagunat minhabba xi hsara teknika li l-vettura garrbet qabel l-incident, madanakollu ma jistax jasal sabiex jistabilixxi dak li verament wassal ghal dana it-telf ta' kontroll u jekk dana kienx imputabbli lill-imputat, kif lanqas tista' tasal dina il-Qorti bil-provi li hemm fl-atti.

Kwindi minhabba dina il-*lacuna* fil-provi, il-Qorti qatt ma tista' tasal biex tistabilixxi illi dana is-sinistru stradali sehh minhabba xi azzjoni jew nuqqas, imputabbli lill-imputat. Illi l-ligi stess fl-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali

jiddisponi illi hati ta' hsara involontarja huwa kull min ikollu nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti. Dana mill-provi ma giex stabbilit u dana ghaliex l-uniku zewg xhieda ighidu illi l-imputat la kien qed isuq b'xi velocita u lanqas laqat ma xi haga qabel l-impatt minhabba xi disattenzjoni da parti tieghu li seta' iwassal ghal telf ta' kontroll tal-vettura li kien qed isuq.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------